MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 441/2011

**Billboard Advertising Limited (C 27899)**

***kontra***

**Stefan Vassallo (ID 320966M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-4 ta' Mejju 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici ezegwiet xogholijiet ta` billboards u prints favur il-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

*2. Illi l-prezz ta` dawn ix-xogholijiet jammonta ghas-somma ta` tmintax-il self, mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), u dank if jirrizulta mill-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dok. BA1**" u kif ukoll mill-invoices relattivi li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. BA2** sa **Dok. BA51;***

*3. Illi ghalkemm debitament interpellat, anke permezz ta` ittra ufficjali ezekuttiva datata 25 ta` Settembru 2009, sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa` inadempjenti u ma hallas xejn (kopja ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. BA52**");*

*4. Illi permezz ta` nota ta` kontestazzjoni prezentata mill-konvenut nhar is-16 ta` Ottubru 2009 (kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. BA53**"), il-konvenut irrespinga t-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*5. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), rapprezentanti l-prezz ta` xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

*6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici;*

*7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta);*

*1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€18,147.66), rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-lista ta’ dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza li saret nhar il-Hamis 9 ta` Gunju 2011 fid-9.00 a.m., il-konvenut ma deherx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont minnu dovut ta’ tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€18,147.66), rapprezentanti hlas ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------